*X'imkien*

*fis-skiet t'Għex-il-Ħida.*

*Minflok*

*nisma' tifel li jitlob,*
*il-bogħod fin-nofs dawl tal-lampier,*
*u t-talba li tasal sa ħdejja*
*mal-mirra u l-bħajr taċ-ċensier*
*tmellisli bil-ħniena xufftejja*
*sa nitlef il-qilla f'għajnejja*
*u ntenni*
*"Mulejja"*
*mar-riħ li jiksili għajnejja.*

DANIEL MASSA

III

FIL-MISRAH

*Fil-misraħ antik u wesgħan,*
*Fit-tebqa bejn il-jum u l-lejl,*
*Geġwiġija bħal passa gamiem apriljan*
*Għajnejn iħarsu ċass fix-xejn.*

*Ċappa għajnejn, geġwiġija għajnejn*
*(Fatati imlefilfin)*
*Iħarsu ċass . . . 'il fejn?*

*Iħarsu fil-baħħ ta' quddiemhom,*
*Fil-beraħ tal-lum,*
*Fil-baħar ta' għada,*
*Ilkoll imberqin,*
*Ilkoll ħerqanin,*
*Ilkoll jistennew tiġri xi ħaġa*
*– 'ma meta se tiġri xi ħaġa?*

*F'kull wiċċ għajjien għajnejn jittewbu t-tnejn.*

*Uff! Għaliex qatt ma jiġri xejn?*

VICTOR FENECH